**QORTI TAL-APPELL**
**(Sede Inferjuri)**
**Ghawdex**

**Onorevoli Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A. Mag. Jur. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Appell numru: 31/2018/1 JVC**
**Wara sentenza tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar**
**datata 23 ta' Frar, 2023**

**Alan Azzopardi**
**(K.I. 24280M)**

**vs.**

**Josephine Le Privost**

**Illum 16 ta' Frar, 2024**

**Il-Qorti**

1. Illi dan huwa appell minn decizjoni tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar datata 23 ta' Frar, 2023 fejn gie deciz kif isegwi:

'Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq espressi u l-kunsiderazzjonijiet hemm magħmula dan it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jicħad it-talbiet kollha tal-attur. L-ispejjeż tal-preżenti istanza għandhom jkunu kollha a karigu tal-attur.'

2. Illi s-sentenza appellata nghatat wara li l-appellant Alan Azzopardi ntavola talba kontra l-intimata li permezz tieghu espona u talab kif isegwi:

"Illi l-attur ghadda f'idejn il-konvenuta d-deheb kollu tieghu personali sabiex il-konvenuta zzommulu u dan peress li ma riedx jafdah id-dar tieghu;

Illi matul dan iz-zmien li d-deheb kien qieghed ghand il-konvenuta, hija gieli ghaddietulu lura biex jilbsu b'dan illi wara d-deheb kien jigi ritornat lura lill-konvenuta biex terga' zzommu;

Illi madanakollu dan l-ahhar il-konvenuta rrifjutat u ghadha tirrifjuta sa llum li tghaddi lura dan id-deheb u qed iccahhad lill-attur minn hwejjgu;

Illi dan id-deheb ghandu valur ta' madwar erbat elef Euro (€4,000.00) u li fi kwalunkwe kaz ma jeccedix il-hamets' elef Euro (€5,000.00) u ghalhekk qieghed jissottometti ruhu ghall-gurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal;

Illi minkejja li l-konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tirritorna l-imsemmi deheb, hija baqghet inadempjenti u ma rritornatux u ghalhekk kellha ssir din l-kawza;

Tghid ghalhekk il-konvenuta l-ghaliex dan it-Tribunal m'ghandux:

Jiddikjara li l-konvenuta zammet ghandha d-deheb tal-attur b'valur li ma jeccedix il-hamest elef Euro (€5,000.00);

Jillikwida l-valur tad-deheb afdat lill-konvenuta, liema valur ma jeccedix il-hamest elef Euro (€5,000.00);

Jikkundana lill-konvenuta sabiex thallas il-valur tad-deheb hekk likwidat fi zmien qasir u perentorju;

Bl-ispejjez inkluz l-ispejjez tal-ittra legali tal-20 ta' Gunju, 2018 u tal-Ittra Ufficjali Nru. 431/2018 tas-27 ta' Lulju, 2018, u bl-imghax skond il-Ligi.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuta li minn issa hija ingunta in subbizzjoni."

3. Fir-risposta taghha l-intimata appellata irrispondiet kif isegwi:

"Illi l-eccipjenti ma ghandha taghti assolutament xejn lill-attur ghaliex l-ammont pretiz mill-attur ma humix dovut.

Preliminarjament il-konvenuta offriet lura d-deheb kollu tal-attur li kien fil-pussess taghha, ghal liema offerta hija qatt ma irceviet risposta u kien ghalhekk li kontestwalment ma' din ir-risposta permezz ta' cedola ta' depozitu hija ddepozitat ic-choker u l-brazzuletta tad-deheb tal-attur li kienu fil-pussess taghha sabiex hija tezimi ruhha minn kwalsiasi responsabilita'.

Illi hija ma baqalha xejn appartenenti lill-attur li qieghed jaghmel biss dawn il-proceduri sabiex jivvessa lill-istess konvenuta.

Ghaldaqstant it-talbiet tal-attur ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu anke stante l-fatt li hi kienet offrithom lill-attur izda ma kellix risposta u ghalhekk dawn il-proceduri saru ghalxejn.

Salvi risposti ulterjuri fid-dritt u fil-fatt."

4. Rat illi r-rikorrent appella mid-decizjoni fejn principalment jilmenta mill-apprezzament tal-fatti kif saret mit-Tribunal fejn isostni li t-Tribunal naqas milli jaghmel analizi shiha u korretta tal-provi kollha li gew prodotti quddiemu fis-sens li skarta ghal kollox jew ma tax oneru bizzejjed lix-xhieda tal-appellant. Izid li t-Tribunal ma tax bizzejjed piz

lill-messaggi bil-mobajl ta' bint l-intimata fejn fih kien qed jigi diskuss id-deheb. Izid ukoll li kienet il-versjoni tal-intimata li ma kinitx wahda veritiera u mhux il-verzjoni tieghu. Finalment isostni wkoll li anki f'kaz ta' cahda tat-talba t-Tribunal ma kellux jalloka l-ispejjez kollha lilu stante li rrizulta li sakemm infethet il-kawza kontra taghha, l-intimata baqghet izzomm id-deheb fil-pussess taghha nonostante d-diversi interpellazzjonijiet. Talab ghalhekk li din il-Qorti tirrevoka d-decizjoni tat-Tribunal appellata u tilqa' t-talbiet bl-ispejjez kontra l-appellata.

5. Rat illi l-appellata wiegbet ghall-appell billi sostniet li l-appell huwa infondat fil-fatt u fid-dritt u li d-decizjoni appellata ghandha tigi konfermata bl-ispejjez kontra r-rikorrent appellant stante li ma hemm l-ebda raguni valida ghalfejn din il-Qorti ghandha tirrevedi jew tiddisturba l-apprezzament tal-provi da parti tat-Tribunal. Dwar il-messaggi msemmija fl-appell l-intimata appellata ssostni li dawn il-messaggi ma giex ippruvat min bghathom u lanqas tressqet tixhed il-persuna li allegatament baghtithom fil-proceduri quddiem it-Tribunal. Issostni li hija kienet genwina tant li ammettiet li kienet qed izzomm id-deheb tar-rikorrent izda meta din offriet li tikkonsenjahom lura huwa ma riedhomx tant li kellha tiddepozitahom fil-Qorti. L-appellata titlob ghalhekk li din il-Qorti tichad l-appell tar-rikorrent.

6. Semghet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet fis-seduta tal-10 ta' Jannar, 2024 u ddifferiet l-appell ghad-decizjoni. Rat l-atti tat-Tribunal kif ukoll l-atti kollha tal-appell odjern.

**Konsiderazzjonijiet**

7. Illi l-Qorti rat li t-Tribunal wasal ghad-decizjoni tieghu kif isegwi:

'Ra l-atti kollha tal-process inkluz id-dokumenti kollha prezentati;

Ra li nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Jannar 2023, it-Tribunal ra l-atti tac-cedola numru 93/2019 kif wkoll l-oġġetti li ġew preżentati fl-atti tal-istess cedola u dan hekk kif mitlub li jagħmel mill-partijiet fis-seduta tal-ħmistax (15) ta' Novembru 2022;

Sema' x-xhieda tal-partijiet;

Ikkunsidra;

- **<u>Rijassunt tax-Xhieda Imressqa</u>**

**<u>Alan Azzopardi</u>** (Fol. 19 et seq) xehed li huwa kien għaddej minn proceduri ta' separazzjoni minn ma' martu Mikelangela Azzopardi. Huwa kellu diversi oġġetti tad-deheb fid-dar matrimonjali u biex martu ma teħodhomlux – peress li kienu tiegħu – huwa ġabarhom mid-dar matrimonjali u għaddiehom lill-intimata (li tiġi oħtu) sabiex iżżommhomlu. Dan għamlu fuq suġġeriment tal-intimata stess. L-attur spjega li huwa għaddielha s-segwenti oġġetti: (a) choker b'arma qisha ktieb bl-isem tiegħu fuqha; (b) nagħla tad-deheb; (c) curkett; u (d) cappetta. Kull meta imbagħad kien ikollu xi okkazzjoni bħal xi festi jew okkażżjonijiet oħra, l-attur kien jitlob lil oħtu biex tagħtih id-deheb biex ikun jista' jilbsu. Fis-snin 2016 u 2017 huwa kien ħa d-deheb mingħand oħtu, libsu u irritornah lura. Jgħid li imbagħad fis-sena

2018, huwa talabha d-deheb u hija ma tathulux. Qaltlu li kien ħadulha binha Jean Pierre Le Prevost. L-attur affacja lil Jean Pierre iżda dan caħad li kien ħa xi deheb tal-attur. L-attur għamel wkoll rapport l-Għassa tal-Pulizija dwar dan il-każ. Proceduri kriminali pero' ma kinux ittieħdu. Ix-xhud qal li l-valur tad-deheb kien ta' madwar erbat elef u ħames mitt ewro (€ 4,500).

**In kontro-eżami**, l-attur indika li b'kollox id-deheb kellu valur ta' ħamest elef mija u ħamsin ewro (€ 5,150).[1] Sostna li d-deheb kien għand l-intimata u li din qaltlu li ħadulha binha. Hu qalilha li kien se jagħmel rapport l-Għassa dwar dan. Mistoqsi jekk jafx id-deheb fejn hu, l-attur wieġeb li l-intimata kienet qaltlu li kien qiegħed il-Qorti. Kompla jgħid wkoll li l-intimata kienet qaltlu li c-cappetta u l-katina biss kienet sejra tagħtih. Ix-xhud ikkonferma wkoll li r-relazzjoni mal-intimata kienet ħażina.

L-attur reġa' xehed fis-seduta tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Novembru 2019 (Fol. 28 et seq) fejn huwa ppreżenta messaġġi li huwa kien rcieva mingħand Williana Le Prevost. Din kienet għajret lill-attur ħalliel u li kien ħa d-deheb huwa stess. X'ħin imbagħad huwa pproceda bil-kawża fil-Qorti, id-deheb inġab il-Qorti. L-attur sostna li sa dak iż-żmien li ntbagħat il-messaġġ id-deheb kien għadu għand l-intimata.

Fis-seduta tad-disgħa (9) ta' Settembru 2020 (Fol. 37), l-attur ippreżenta kopja mhux kompluta tar-rapport li huwa kien għamel lill-pulizija fuq dan il-każ.

**In kontro-eżami** (Fol. 60) l-attur ikkonferma li d-deheb kien għaddieh lil oħtu għaliex beża li kienet se teħodulu l-mara. Ikkonferma li kien għamel rapport l-Għassa u li kienu Guza Le Prevost u bintha Liliana li kienu bagħtuh jagħmel ir-rapport. Ix-xhud ikkonferma li ma kien tressaq ħadd il-Qorti b'rabta ma' dan il-każ. Kompla jgħid li huwa kien qal li l-affarijiet li ġew depositati l-Qorti ma kinux tiegħu. Qal wkoll li kellu aktar affarijiet tad-deheb li baqgħu għand l-intimata.

---

[1] Fol. 23 tal-process.

**In ri-eżami** x-xhud reġgħet saritlu riferenza għall-messaġġi li hu kien ippreżenta fejn fihom ġie allegat li d-deheb kien ħadu huwa stess. Qal li huwa kien ippreżenta dan il-messaġġ għaliex l-intimata u bintha ppruvaw iwaħħlu fih li ħa d-deheb. Dan meta huwa lanqas cwievet ma kellu tad-dar tal-intimata.

**Josephine Le Privost** xehdet bil-mezz tal-affidavit (Fol. 45). Hija spjegat li ħuha Alan Azzopardi kien talabha biex iżżommlu d-deheb għax beża' li martu kienet sejra teħodulu. Spjegat li huwa kien għaddielha choker tad-deheb u brazzuletta tad-deheb. Kompliet tgħid li matul iż-żmien li l-affarijiet kienu għandha, l-attur gieli kien jitlobhomlha, tgħaddihomlu u mbagħad jerġa' jgħaddihomlha biex tkompli iżżommhom hi.

L-intimata qalet li wara xi żmien inqalgħu problemi bejnha u l-attur u dan tal-aħħar beda jallega li huwa kien għaddhielha aktar deheb. Issostni li dan assolutament ma kienx minnu. Hija offriet id-deheb lura lill-attur. Pero' baqgħet qatt ma rceviet risposta f'dan ir-rigward u għalhekk iddepositat id-deheb fir-Reġistru tal-Qorti. Ix-xhud qalet li hija ma baqalgħa xejn għandha li jappartjeni lill-attur u li dawn il-proceduri kienu intiżi biex idejquha. Temmet tgħid li l-attur qed iħawwad u jigdeb fuqha għaliex l-ewwel kien qal li d-deheb kien jiswa bejn € 4,000 u € 5,000. Imbagħad l-valur tad-deheb li ta huwa stess irriżulta li kien jaqbez l-ammont ta' ħamest elef ewro (€ 5,000).

**In kontro-eżami** (Fol. 57) l-intimata kkonfermat li attur kien taha d-deheb biex il-mara tiegħu ma teħodulux. Qalet li l-uniku deheb li kien għaddielha l-attur kienu katina u brazzuletta. Caħdet li kellha deheb ieħor. Qalet li meta kienet iddepositat id-deheb il-Qorti, dan kien ġie mkejjel il-Qorti stess. Ix-xhud ma ftakritx jekk l-ewwel kinitx iddepositat id-deheb u għamlet l-affidavit tagħha wara jew vici-versa. Muriha r-ritratt Dokument AA a fol. 34 tal-process li fiha jidhru oġġetti tad-deheb imdendlin ma' katina, ix-xhud qalet li dawk l-oġġetti li kienu jidhru ma kinux tgħaddew lilha.

- **<u>Kunsiderazzjonijiet Legali u Fattwali</u>**

Ikkunsidra:

It-Tribunal f'dan il-każ huwa rinfaccjat b'żewġ verżjonijiet kontrastanti għal xulxin:

(a) Minn naħa 'l waħda hemm il-verzjoni tal-attur li qed jgħid li huwa ta' diversi oġġetti tad-deheb lil oħtu sabiex iżommhomlu peress li kien għaddej minn proceduri ta' separazzjoni u beża' li martu teħodlu l-istess oġġetti;

(b) Minn naħa 'l oħra hemm il-verzjoni tal-intimata li qed isostni li kullma kienu tgħaddew lilha kienu choker tad-deheb u cappetta tad-deheb tal-idejn u li dawn hija kienet iddepositathom il-Qorti permezz tac-cedola numru 93/2019.

B'riferenza għall-oġġetti li ġew depositati, l-attur isostni li dawn ma kinux l-oġġetti li huwa kien ta lill-intimata biex iżommhomlu. Izda kienu oġġetti tad-deheb oħrajn. Dan apparti li kif ġia ingħad huwa jistqarr li kellu oġġetti oħra li kien taha u li l-intimata baqgħet ma rritornatx.

Huwa ben saput li fil-kamp civili il-grad tal-prova rikjest huwa dak li jkun hemm certezza morali f'moħħ il-ġudikant. Dan a differenza tal-kamp kriminali fejn il-ligi tesigi li l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli. Ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc ta' probabilitajiet. Mera possibilita` mhux sufficjenti biex tirradika r-responsabilita' civili.[2] .

Fis-sentenza tagħha fl-ismijiet ***Moviment Azzjoni Socjali vs Noel Borg,*** il-Qorti tal-Appell kienet ikkummentat hekk meta rinfaccjata b'żewġ verzjonijiet kontrastanti tal-pendenza li kellha quddiemha: *"il-konflitt fil-provi huma haga li l-Qrati jridu minn dejjem ikunu lesti ghaliha.*

---

[2] Ara ***Frank Giordmania Medici et v. William Rizzo u Gaetana Rizzo***, deċiża fit-28 ta' April, 2004 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

*Il-Qorti ghandha tezamina jekk xi wahda miz-zewg verzjonijiet, fid-0dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilita` u specjalment dawk tal-konsistenza u verosomiljanza, ghandhiex teskludi lill-ohra, anke fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, u tal-preponderanza tal-provi, ghax dawn, f'kawzi civili, huma generalment sufficjenti ghall-konvinciment tal-gudikant."*[3]

It-Tribunal fela bir-reqqa x-xhieda mogħtija miz-zewġ partijiet u ħaseb fit-tul fuq il-każ. It-Tribunal seta' jinnota li filwaqt li l-intimata baqgħet dejjem konsistenti fil-verzjoni li hija tat, mhux l-istess jista' jingħad għall-attur. In oltre jiġi senjalat wkoll li l-intimata qabdet u iddepositat fir-Reġistru ta' din il-Qorti d-deheb li hija kellha u li hija tgħid li kienet appartenenti lill-attur. It-Tribunal jistaqsi x'sens kien jagħmel li l-intimata tiddeposita deheb jekk dan verament ma kienx tal-attur. It-Tribunal għamel riferenza wkoll għall-atti relattivi għac-cedola ta' depositu 93/3019 (li kopja tagħha ġiet preżentata f'dawn il-proceduri) fejn minnhom jirriżulta li l-istess intimata lanqas ma kellha oġġezzjoni biex l-attur jiġbor l-oġġetti depositati minnha fil-Qorti.[4] It-Tribunal iqis li kieku l-intimata kienet taf li dawn l-oġġetti ma kinux tal-attur, hija mhux biss ma kinitx tagħti l-kunsens għall-iżbank ta' tali oġġetti iżda lanqas kienet tiddepositahom taħt l-awtorita tal-Qorti.

Minn naħa tiegħu l-attur ma kienx konsistenti fix-xhieda tiegħu u dan għar-rigward certu fatti li t-Tribunal iqis centrali għall-vertenza bejn il-partijiet:

(a) Fl-ewwel verżjoni li ta l-attur meta xehed fis-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru 2019, huwa qal li kienet l-intimata stess li offrietlu biex iżżommlu d-deheb biex mart l-attur ma tkunx tista' titfa' idejha fuq dan id-deheb peress li t-tnejn kienu

---

[3] Deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Lulju 2014 (Appell Civili 188/2007/1). Ara wkoll ***Farrugia v. Farrugia*** deċiża fl-24 ta' Novembru 1966 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

[4] Huwa minnu li dawn l-atti ma ġewx preżentati b'mod formali f'dawn il-proceduri. Pero la darba huma atti tal-Qorti u l-partijiet it-tnejn għamlu riferenza għac-cedola li minnha jiffomaw parti dawn l-atti, it-Tribunal jemmen li ma jistax jiskarta tali atti. Jiġi innutat li l-attur kien għamel talba għall-iżbank ta' dawn l-oġġetti. L-intimata ma opponietx għal tali talba ta' żbank. Minkejja li l-Qorti Superjuri awtorizzat ir-rilaxx ta' dawn l-oġġetti a favur tal-attur, l-attur pero għażel li imbagħad ma jiġborx tali oġġetti għax sostna li dawn ma kinux l-istess oġġetti li kien ta lill-intimata.

għaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni.[5] Fir-rapport li l-attur għamel lill-Pulizija fuq dan il-każ fil-ħdax (11) ta' Ġunju 2018 huwa ma jindikax li huwa kien għadda dan id-deheb fuq proposta ta' oħtu stess.[6]

(b) Fis-seduta tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru 2019 l-attur jistqarr li huwa kien iddecieda li jmur jagħmel rapport l-Għassa wara li affaccja lit-tifel tal-intimata biex jara jekk kienx ħadlu d-deheb hu. Fil-kontro-eżami imbagħad li sarlu fl-14 ta' Dicembru 2022, l-attur jistqarr li kienu l-istess intimata u bintha li bagħtuh jagħmel ir-rapport.[7] It-Tribunal isaqsi: kienet inizjattiva tal-attur li jmur jagħmel ir-rapport jew inkella bagħtuh l-intimata u bintha jagħmel ir-rapport lill-Pulizija? Huwa minnu wkoll li l-proceduri kriminali huma distinti minn dawk civili u ż-żewġ azzjonijiet jitmexxew b'mod separat. Pero mill-atti jidher li l-Pulizija lanqas dehrilhom li kien hemm *fumus* biżżejjed biex l-intimata titressaq il-Qorti fuq misapproprjazzjoni. Hawnhekk it-Tribunal mhux qed jitkellem fuq livell ta' prova rikjest fi proceduri kriminali biex persuna tinstab ħatja iżda fuq elementi prima facie li jintitolaw lill-Pulizija Eżekuttiva biex hija tieħu passi kriminali kontra l-persuna li kontra tagħhom jkun sar ir-rapport.

Punt ieħor ta' rilevanza għall-vertenza tat-talba odjerna jikkoncerna l-provi prodotti. Bħala l-persuna li għamel il-kawża, l-oneru tal-prova kien jispetta lill-istess attur. It-Tribunal pero ma jistax ma jinnutax il-karenza tal-provi li ġew prodotti fil-kors ta' dawn il-proceduri. L-unika prova tanġibbli tad-deheb li l-attur jgħid li għadda lill-intimata li ġiet preżentata huwa r-ritratt li jinsab a fol. 26 tal-process. Dan ir-ritratt pero lanqas ma jidher fih id-deheb kollu li l-attur elenka fid-deposizzjoni tiegħu tas-sebgħa u għoxrin (27) ta' Settembru 2019. Infatti fir-ritratt jidher biss choker ma' għonq l-attur b'kurcifiss u oġġett ieħor mhux identifikabbli imdendel mal-istess choker. Ic-

[5] Fol. 20 - 21 tal-process;
[6] Fol. 39 tal-process.
[7] Fol. 60

curkett u c-cappetta tad-deheb ma jidhrux. Hemm wkoll oġġett ieħor nieqes. L-attur irrifera li kellu nagħla ta' żiemel u arma b'ismu fuqha. Jekk wieħed jippresumi li l-oġġett li ma jistax jiġi identifikat f'dan ir-ritratt kien wieħed minn dawn it-tnejn, hemm bil-fors oġġett nieqes.

It-Tribunal kellu l-opportunita li jifli b'għajnejh ic-choker tad-deheb li jinsab depositat fir-Reġistru tal-Qorti hekk kif mitlub li jagħmel mill-partijiet. Mad-daqqa ta' għajn jidher li l-għamla tac-choker hija identika għal dak li jidher fir-ritratt esebit. It-Tribunal ma jistax jikkummenta fuq il-piż o meno tac-choker stante li l-attur ma ġab l-ebda prova tal-piż tac-choker li huwa jgħid li għadda lill-intimata. Lanqas ressaq bħala xhud il-persuna li mingħandha xtara jew ingħata dan ic-choker biex tagħti dettalji dwar l-istess u possibilment tkun tista' tidentifika jekk ic-choker depositat fir-Reġistru tal-Qorti kienx ic-choker li ġie akkwistat minn jew mogħti lill-attur.

It-Tribunal jinnota wkoll li s-salib tad-deheb li jidher fir-ritratt ma ssemma fl-ebda ħin waqt dawn il-proceduri. Infatti fid-deposizzjoni tiegħu l-attur fl-ebda ħin ma jgħid li mal-oġġetti li għadda lill-intimata kien hemm salib. Il-konklużjoni naturali huwa għalhekk li l-attur żamm dan is-salib hu. Jekk l-attur kien qed jibża' li sejjer jittieħlu d-deheb, wieħed jistaqsi għalfejn is-salib ma kienx mal-oġġetti li ġew mgħoddija lill-intimata għal safekeeping. Dan kollu aktar iqajjem dubji f'moħħ it-Tribunal dwar il-verzjoni mogħtija mill-attur f'dawn il-proceduri.

Fl-aħħar nett, it-Tribunal ma jistax ma jinnutax wkoll li kien hemm ħafna skariġġ b' dawn l-oġġetti tad-deheb. Kif jistqarr l-attur huwa kien jilbishom fl-okkazzjonijiet specjali. Fl-istaġun tal-festi ġieli libishom mill-anqas tlett (3) darbiet bejn l-aħħar ta' Ġunju u nofs Awissu. Wieħed għalhekk ma jistax jkun cert jekk f'kull okkażżjoni kienx qiegħed jerġa jiġi mgħoddi d-deheb kollu jew parti minnu.

Tenut kont dan kollu, it-Tribunal mhuwiex moralment konvint li dak li qed jsostni l-attur huwa minnu u li konsegwentement it-talbiet tiegħu għandhom jiġu favorevolment ikkunsidrati.

- **<u>Decide</u>**

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq espressi u l-kunsiderazzjonijiet hemm magħmula dan it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi jicħad it-talbiet kollha tal-attur. L-ispejjeż tal-preżenti istanza għandhom jkunu kollha a karigu tal-attur.'

8. Illi kif inghad ir-rikorrent jilmenta principalment mill-apprezzament tal-fatti li ghamel it-Tribunal fejn wasal ghac-cahda tat-talbiet tar-rikorrent bl-ispejjez kontra tieghu. Il-Qorti rat illi fid-decizjoni tieghu t-Tribunal ra li effettivament fl-atti huwa kien rinfaccjat b'zewg versjonijiet tal-fatti diversi moghtija mir-rikorrent u mill-intimata. It-Tribunal, wara li ra l-provi fl-atti kif ukoll ra b'ghajnejh l-oggetti tad-deheb depozitati l-Qorti qies li filwaqt li l-versjoni tal-intimata baqghet dejjem wahda konsistenti u li l-intimata ma kien ikollha l-ebda raguni valida ghalfejn tiddeposita fil-Qorti deheb li ma kienx tar-rikorrent, qies li minn naha l-ohra r-rikorrent xejn ma kien konsistenti fil-versjonijiet tal-fatti kif moghtija lilu tant illi fl-atti jaghti tlett valuri diversi ghall-oggetti tad-deheb involuti. It-Tribunal sostna wkoll li r-rikorrent ma ressaqx prova sufficjenti sal-grad rikjest mil-ligi dwar l-istess deheb tant illi bejn dak li xehed u dak li jidher fir-ritratt ukoll kien hemm kontradizzjonijiet fosthom salib li jidher fir-ritratt u ma jissemma mkien fil-proceduri. Ir-rikorrent lanqas ressaq prova dwar il-valur effettiv tad-deheb tramite xhieda minghand min xtara l-oggetti jew persuni esperti dwar id-deheb allegat. Kien ghalhekk li t-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni li r-

rikorrent appellant ma rnexxilux jipprova l-pretensjoni tieghu u cahad it-talbiet tar-rikorrent.

9. Illi din il-Qorti rat hi stess il-provi kollha fl-atti u c-cedola in kwistjoni u tqis li huwa minnu li r-rikorrent ressaq diversi versjonijiet konfliggenti quddiem it-Tribunal filwaqt li l-intimata baqghet dejjem konsistenti. Din il-Qorti rat li dwar il-valur tad-deheb ir-rikorrent ressaq biss ix-xhieda tieghu u xejn aktar fejn tul il-proceduri jaghti tlett valuri differenti. Jixhed li d-deheb li qed jipretendi jidher kollu fir-ritratt a fol. 26 tal-process ghajr ghall-brazuletta izda filwaqt li fix-xhieda jipretendi choker, nala tad-deheb, ktieb zghir tad-deheb, brazzuletta u curkett l-Qorti rat li f'dan ir-ritratt tidher biss choker, salib u xi haga ohra mdendla mal-istess choker li ma tistax tigi identifikata. F'dan ir-ritratt ma jidher l-ebda curkett filwaqt li s-salib ma jissemma mkien fil-proceduri. Il-Qorti rat ukoll li fir-rapport li sar mal-pulizija mir-rikorrent esebit a fol. 38 tal-process huwa naqas milli jelenka l-oggetti tad-deheb li suppost kellha ohtu. Il-Qorti ghalhekk tirrikonoxxi li verament it-Tribunal kien rinfaccjat b'diversi versjonijiet da parti tar-rikorrent li kienu lkoll konfliggenti bejniethom.

Illi in oltre dwar il-messaggi ta' bint l-intimata a fol. 30 tal-process ir-rikorrent isostni li t-Tribunal ma tahomx bizzejjed piz probatorju. Il-Qorti rat li dan il-messagg jallega biss li d-deheb hadu l-istess rikorrent. Il-Qorti ghalhekk ma tistax' tifhem kif tali messagg, li fuq kollox lanqas tressqet il-persuna li allegatament bghatitu sabiex

tikkonfermah, suppost ghandu jipprova li d-deheb li r-rikorrent qed jipretendi kien ghand l-intimata, sal-grad tal-probabbli rikjest mil-ligi.

Illi minn naha l-ohra l-Qorti rat li l-intimata appellata verament baqghet dejjem konsistenti fil-versjoni taghha li hija kellha biss choker u brazzuletta u li r-rikorrent kien qed isostni li kellu aktar w'ghalhekk ma bediex jaccetta li jiehu lura l-istess choker u l-brazzuletta. Rat li mac-cedola tnizzlu d-dimensjonijiet tal-istess choker u brazuletta u wkoll fl-affidavit taghha. Il-Qorti ma tarax ghalfejn l-intimata kellha tidhol f'daqshekk dettal dwar id-deheb li gie depositat li kieku ma kienx jikkonsisti fid-deheb tar-rikorrent. Il-Qorti rat ukoll li wara li sar id-depositu r-rikorrent xehed li lanqas kien mar jara l-oggetti tad-deheb depositati filwaqt li f'xhieda ta' wara jghid li m'humiex tieghu.

10. Illi din il-Qorti ghalhekk minn analizi tal-atti kkonfermat li verament it-Tribunal kellu jaghzel bejn l-aktar versjoni veritiera li kellu fl-atti u tqis li t-Tribunal ma kellux alternattiva hlief li jasal ghall-konkluzjoni li r-rikorrent ma kienx irnexxilu jipprova sal-grad rikjest mil-ligi l-pretensjonijiet tieghu ghalhekk l-aggravju tar-rikorrent dwar il-mertu ser jigi michud.

11. Illi dwar il-kap tal-ispejjez ir-rikorrent isostni li dan ma kellux jigi allokat lilu stante li l-intimata ddepozitat biss id-deheb wara li nfethet il-kawza kontra taghha. Fl-ewwel lok il-Qorti ma tistax ma tinnotax inkonsistenza ohra da parti tar-rikorrent appellant f'dan l-aggravju

dan ghaliex filli jsostni li dak depozitat mhux id-deheb tieghu filwaqt li permezz ta' dan l-aggravju jghid li d-deheb tieghu gie depositat biss wara li giet intavolata l-kawza. Dan xejn ma jimmilita' favur il-kredibilita' tar-rikorrent appellant. Apparti minn hekk, il-Qorti rat li mill-atti rrizulta li l-intimata riedet tirritorna d-deheb fil-pussess taghha, cioe' ic-choker u l-brazzuletta lir-rikorrent, izda dan beda jirrifjuta ghaliex beda jsostni li kien hemm deheb iehor. Ghalhekk jirrizulta li n-nuqqas kien tar-rikorrent li ma hax lura d-deheb meta gie offert lilu u mhux tal-intimata li x'hin rat li r-rikorrent ntavola proceduri l-Qorti ghaddiet sabiex tiddeposita l-istess deheb fil-Qorti u sahansitra awtorizzat lir-rikorrent jirtira l-istess mill-Qorti. Il-Qorti ghalhekk tqis li l-aggravju dwar l-ispejjez ukoll mhux gustifikat u ser tghaddi sabiex tichad l-istess.

**Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' w'tiddeciedi l-appell odjern billi tilqa' r-risposta tal-intimata appellata, tikkonferma in toto id-decizjoni appellata u tghaddi sabiex tichad l-aggravji u konsegwentement l-appell tar-rikorrent appellant.**

Bl-ispejjez tal-appell ukoll kontra r-rikorrent.

**Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**

**Deputat**